# The Magic of Christmas Markets in Poland, Krakow



## 06 - 10 TA' DIĊEMBRU

**5 t'ijiem**

**INŻURU: Auschwitz, Salt Mine, Wadowice, Krakow, Zakopane**

**Validu sal-5 ta' Settembru**

**Prezz kull persuna**
**(Eskursjonijiet u Taxxi mħallsa)**

| | Prezz Skontat |
|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €820 |
| Kamra ta' żewġ persuni | €830 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,150 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' 2 adulti | €730 |

**Prezz jinkludi:**
- Titjira għal Krakow
- 20Kgs Bagalja + Hand Luggage
- Transfers u eskursjonijiet skond il-programm (entraturi mhux inklużi)
- 4 lljieli - Hotel Campanile Old Town - 4 Star
- Buffet Breakfast Continental - kuljum
- Taxxi tal-ajruport
- Tour Leader
- Insolvency Protection

**Prezz ma jinkludiex:**
- City Tax
- Kull tip ta' entratura, cable cars, boat trips, trains etc.

**Jista' jkun hemm xi tibdil minimu fil-programm jekk jinqalgħu ċirkostanzi li ma jkollniex kontroll fuqhom. Staqsi għall-Kundizzjonijiet Ġenerali.*

**Il-Ħadd 06 ta' Diċembru**
Niltaqgħu l-ajruport fit-04.00 għat-titjira FR7114 li ttir fl'06.15 u naslu Krakow fis-08.50 Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru tal-belt fejn ikollna **Krakow city tour** biex naraw l-attrazzjonijiet prinċipali li nisbu ġewwa din il-belt. Check in fil-**Campanile Old Town** , sistemazzjoni tal-kmamar, ħin liberu u wara flimkien mat-tour leader inżuru l-famuż Christmas Market.

**It-Tnejn 07 ta' Diċembru**
Ġurnata mill-isbaħ fejn niskopru l-ġmiel ta' dawn il-postijiet marbutin mal-kbir Qaddis Papa Ġwanni Pawlu II. Inżuru s-**Santwarju tal-Ħniena Divina** fejn hemm meqjuma Sor Fawstina, inkomplu triqitna fost ix-xenarju mill-isbaħ li jwassalna fuq l-għolja-**Kalvaria Zebrydowska**, il-post kollu huwa UNESCO World Heritage. Inżuru wkoll il-monasteru u s-Santwarju tal-Madonna Mirakoluża. Il-qofol ta' din il-ġurnata għandha tkun il-waqfa ġewwa **Wadowice**, vilaġġ pittoresk fejn twieled il-Qaddis il-Papa Ġwanni Pawlu II. Fost l-iżjed postijiet ta' nterss, inżuru l-bażilika kif ukoll id-dar fejn twieled, li llum hija mużew. (Entraturi extra).

**L-Erbgħa 08 ta' Diċembru**
Eskursjoni ta' nofs ta'nhar mill-iżjed interessanti għal-**Auschwitz-Birkenau,** fejn flimkien ser nesperjenzaw wieħed mill-aktar postijiet memorabbli fl-istorja tal-Ewropa moderna. Illum se nżuru l-kampijiet ta' konċentrament t'Auschwitz – Birkenau; memorja qarsa ta' żmien l-Holokawst fejn miljuni ta' nies tilfu ħajjithom (entrance extra) Nirritornaw lura Krakow u ħin liberu biex tkomplu tgawdu din il- belt sabiħa.

**Il-Ħamis 09 ta' Diċembru**
Skopri magħna l-ġmiel tal-Alpi tal-Polonja fejn se nżuru **Zakopane f'atmosfera festiva** u **Tatra Mountains**. Dawn il-muntanji jestendu mal-frutnieri ta' bejn il-Polonja u Slovakja u huma l-ogħla fost il-Carpathian Mountains. Zakopane huwa riżort magħruf ħafna għall-isking, fejn Sajf u Xitwa ikun hemm ħafna turisti jippassiġġaw fit-triq ewlenija Krupowski – triq mimlija cafes, ristoranti, boutiques u karozzelli bi żwiemal kbar u kuċċiera bil-kostum. Nagħmlu dawra madwar Zakopane . Naraw djar u bini tal-injam tipiċi tal-post inżuru mużew żgħir tal-arti, min jixtieq jista jitla' bil-cable car (ħlas extra) biex jara veduta sabiħa tal-belt. Nirritornaw lura Krakow.

**Il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru**
Breakfast u tluq lejn **Wieliczka Salt Mines** (ent extra), magħrufa wkoll bħala the under ground Salt



Cathedral of Poland u l-aktar minjieri spettakolari fid-dinja. Flimkien mal-gwida tal-lokal inżuru l-minjieri fejn fiha nsibu diversi skulturi tal-melħ u kuruturi twal madwar 300 kilometru. Dawn il-minjieri huma wkoll imniżżla fil-UNESCO First World List of Cultural and Natural Heritage. Wara Transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Krakow għat-titjira FR7141 li ttir fl-22:05 u naslu lura fis-00:45.